



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

14.12.2009

0069/2009

DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB

imressqa skont l-Artikolu 123 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar il-libertà tal-ħsieb, il-kuxjenza u r-reliġjon, id-dritt għall-edukazzjoni u l-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni fir-rigward ta' simboli reliġjużi

**Sophie in 't Veld, Gianni Vattimo, Miguel Ángel Martínez Martínez,
Stanimir Ilchev, Jean-Marie Cavada**

Data ta' skadenza: 25.3.2010

**Dikjarazzjoni bil-miktub dwar il-libertà tal-ħsieb, il-kuxjenza u r-reliġjon, id-dritt
għall-edukazzjoni u l-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni fir-rigward ta' simboli reliġjużi**

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-libertà tal-ħsieb, il-kuxjenza u r-reliġjon, id-dritt għall-edukazzjoni u l-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni, kif imħarsa bl-Artikoli 9 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (ECHR), bl-Artikolu 2 tal-Protokoll Nru 1 u bl-Artikoli 10, 14 u 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra s-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kawża ta' Lautsi v. Italja,
 - wara li kkunsidra t-Trattat ta' Liżbona u l-adeżjoni futura tal-UE fl-ECHR,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 123 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
1. Jafferma r-rabta tiegħu mal-prinċipju ta' separazzjoni tal-Knisja u l-Istat, il-libertà tal-ħsieb, il-kuxjenza u r-reliġjon, id-dritt għall-edukazzjoni u l-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni bħala valuri ewlenin tal-UE;
 2. Iqis li l-istituzzjonijiet pubbliċi, fil-livell nazzjonali u tal-UE, għandhom jirrappreżentaw liċ-ċittadini kollha, indipendentement mit-twemmin, ir-reliġjon jew il-filosofija, mingħajr diskriminazzjoni;
 3. Jappella lill-Istati Membri biex jirrispettaw id-dritt tal-libertà tal-ħsieb, il-kuxjenza u r-reliġjon u biex jirrikonox Xu u jirrispettaw bis-sħiħ ir-rilevanza u n-natura reliġjuża tas-simboli reliġjużi;
 4. Jitlob lill-Istati Membri biex jirrispettaw is-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u jiġguraw li ma jiġux esposti simboli reliġjużi f'postijiet li jintużaw mill-awtoritajiet pubbliċi;
 5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji, lill-parlamenti tal-Istati Membri.